MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2010

Appell Kriminali Numru. 424/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Carlos Cordina)**
**Vs**
**Simone Portelli**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-21 ta’ Mejju, 2009 u l-granet ta’ qabel fi Blk G, Wesgha Frangisk Bugeja, Zurrieq :
1. Xehtet hmieg jew porkeriji fil-bibien jew taht il-hitan tad-djar ta’ haddiehor billi wadbet loqom tas-sigaretti ghal veranda ta’ Margaret Aquilina;
2. fil-lejl tal-20 ta’ Mejju, 2009 u ljieli ta’ qabel uzat magna tal-hasil u hekk kisret il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew mod iehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Novembru, 2009, li biha,

peress illi l-ewwel akkuza ma rrizultatx pruvata sal-grad rikjest mill-ligi, illiberat lill-appellanti mill-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti taghha, w wara li rat l-artikolu 338(m) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ddikjarat lill-appellanti hatja tat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti taghha w ikkundannataha ammenda ta’ tletin Euro (€30).

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-23 ta’ Novembru, 2009, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitha mhux hatja w tilliberaha mill-akkuza li taghha nstabet hatja w hekk tilliberaha minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
Illi huwa bla sens illi wiehed jghid illi mara waqt illi qed taghmel il-hasla fid-dar toqghod iddur bit-takkuna bil-lejl. Fid-dar torqod hija, r-ragel u tlett itfal. Illi certament jekk toqghod ittektek bit-tkaken l-aktar li se jisimghuha huma stess. L-istess jekk il-“washing machine” taghmel il-hsejjes, ikun bla sens illi tqum tahsel il-hwejjeg fis-saghtejn ta’ bil-lejl u dana mhux xi flat kbir u allura l-aktar li tiddisturba jkunu l-istess membri tal-familja taghha.

Illi waqt is-smiegh tal-kawza jirrizulta illi anke semmai l-“washing machine” qeghda f’kamra tal-banju li tigi fuq kamra tal-banju ta’ Margaret Aquilina w ghalhekk ma setax kien hemm dawk il-hsejjes, kif qalet it-tifla taghha, li ma setghetx torqod bil-lejl ghaliex kien hemm id-damdim tal-“washing machine”.

Illi huwa wkoll stramb illi wiehed jghid jekk kien hemm xi haga illi din tkun “washing machine” ghaliex il-“washing machine” m’huwiex bhal radju illi taghmel xi hsejjes partikolari jew xi muzika imma m’ghandhiex xi hoss distingwibbli illi tghid din “washing machine” li qed tahdem.

Fuq kollox ma kienx veru.

Illi fil-kwadru tal-fatti kellu jkun hemm dubju ragonevoli bl-istess mod daqs kemm kien hemm dubju ragonevoli fuq l-ewwel akkuza.

Mrs. Margaret Aquilina ma kinitx kredibbli ghaliex kienet qed tinqeda b’din il-kawza biex forsi terga’ tkompli tivvessa lil Simone Portelli.

Da l-appell jidher *de minimis,* imma l-appellanti diga’ bdiet issofri l-insulti u l-inkeja dwar din il-kundanna, li ma kienx haqqha.

Ikkunsidrata :

Din il-kawza hija frott id-disgwid li inqala’ bejn zewg girien Margaret Aquilina w l-appellanta Simone Portelli li joqghodu fuq xulxin fl-istess blokk ta’ appartament iz-Zurrieq.

Margaret Aquilina, l-parti civili, tilmenta illi tisma hafna hsejjes gejjin mill-appartament ta’ fuqha abitat minn Simone Portelli w il-familja taghha.  L-iktar li tilmenta pero’ huwa l-uzu tal-“washing machine” minn Portelli tard bil-lejl u ma thallihix torqod.

Irrizulta illi fil-21 ta’ Mejju, 2009 Margaret Aquilina marret l-ghassa z-Zurrieq fejn ghamlet rapport illi l-appellanta kienet qed tuza l-“washing machine” bejn l-ghaxra ta’ filghaxija w is-saghtejn ta’ filghodu, kif ukoll illi kienet qed issib fdalijiet tas-sigaretti fuq il-gallarija taghha.

PS 386 Joe Cauchi qal illi kienu saru diversi rapporti l-ghassa tal-Pulizija izda hu personalment qatt ma ghamel xi ricerki.

Il-parti civili qalet li hi ilha toqghod f’dawn l-appartamenti tal-Gvern tnejn u tletin sena w qatt ma kellha problemi, sakemm dahlet l-appellanta Simone Portelli w bdiet tuza l-“washing machine” tard bil-lejl.

Il-Qorti osservat illi Aquilina ghandha d-diffikulta’ fil-mixi w ghalhekk ma tiskanta b’xejn meta qalet illi bil-kemm tiflah timxi ahseb u ara kemm tiflah tmur toqghod tirraporta l-ghassa tal-Pulizija.

Il-verzjoni ta’ Margaret Aquilina hija kkorroborata minn Caroline Aquilina, bintha, fejn din ta’ l-ahhar tghid illi “tumble dryer” jew “washing machine” jkunu ghaddejjin sa mill-inqas sas-saghtejn ta’ filghodu w tisma wkoll it-tektik taz-zraben meta jkun qed jinbidel il-“load”. Kemm l-omm kif ukoll it-tifla jghidu li jisimghu dagh fahxi gej mill-appartament ta’ fuqhom.

L-imputata minn naha l-ohra tghid illi ilha sitt snin toqghod f’dan il-fond u fl-ghaxra ta’ filghaxija jidhlu jorqdu. Qalet illi l-“washing machine” gieli qabditha kuljum pero’ x’aktarx darba iva w darba le. Innegat illi taqbad il-“washing machine” bil-lejl.

Ikkunsidrat :

L-Ewwel Qorti kellha quddiemha l-istess provi li ngabu quddiem din il-Qorti w waslet ghall-konkluzzjoni fejn filwaqt li ma sabitx lill-appellanta hatja tal-ewwel imputazzjoni sabitha hatja tat-tieni w ikkundannatha ghal ammenda ta’ tletin Euro (€30).

Evidentement emnet il-verzjoni tal-parti civili Margaret Aquilina kontra dik ta’ l-appellanta. Kien fid-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti illi taghmel hekk wara illi ghamlet valutazzjoni tal-provi illi dehru quddiemha.

Din il-Qorti ghamlet l-istess valutazzjoni w tasal ghall-konkluzzjoni illi l-Ewwel Qorti ghamlet sew illi emnet il-verzjoni tal-parti civili w mhux dik ta’ l-appellanta. Il-parti civili hija mara b’certa diffikultajiet fizici w mhux facli illi taqla l-inkwiet u bhala tali iktar u iktar ghandha jkollha l-protezzjoni tal-Qorti sabiex tghix fil-paci fl-appartament taghha w l-intervent tal-Qorti hu necessarju sabiex dan l-istat jigi mantenut.

Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal-konkluzzjoni li waslet ghaliha. **(Il-Pulizija vs Carmelo Schembri 28.04.1995)**.

Dinil-Qorti ghamlet dan l-apprezzament dwar il-provi illi kellha quddiemha l-Ewwel Qorti w waslet ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha. Ghalhekk mhux il-kaz li s-sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------